# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 773/2019 MH**

**Illum, 1 ta' April, 2022**

**Polidano Brothers Limited**

**Vs**

**Francis Vassallo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Polidano Brothers Limited (C8884) fejn ġie premess illi *"...permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Ottubru, 2008 (Ċitazzjoni Nru. 365/2008) l-intimat ġie ordnat iħallas lill-esponenti is-somma ta' EUR 17,539.72 (sbatax-il elf ħames mija disgħa u tletin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu) rappreżentanti l-prezz ta' materjal lilu mibjugħ u konsenjat minnha fuq talba tiegħu kif ukoll l-imgħax legali u spejjeż;*

*Illi l-intimat għadu sal-llum ma ħallas xejn minn dan l-ammont minnu dovut u l-esponenti għandha interess illi tkompli teseġwixxi kontra l-intimat sabiex tottjeni l-ħlas;*

*Illi minn dakinhar tas-sentenza sal-llum laħqu għaddew 'il fuq minn għaxar (10) snin u għaldaqstant l-imsemmija sentenza m' hiex aktar eseġwibbli ħlief bl-awtorizazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tiġi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Ottubru 2008 u dana a tenur tal-Artikolu 258 (a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat lir-rikors promotur ġie debitament notifikat. Rat li l-intimat għoġbu la jdaħħal risposta u lanqas jidher għas-seduti appuntati għas-smiegħ għalkemm f'seduta minnhom[1] avukat f'ismu kien ta' ħjiel lill-partijiet kienu jistgħu jaslu għal transazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi skond l-**Art 253(a) tal-Kap 12**, sentenza tal-qrati tal-ġustizzja ta` Malta hija titolu esekuttiv.

Illi skond l-**Art 258(a) tal-Kap 12**, wara l-għeluq ta' għaxar (10) snin minn dakinhar li fih is-sentenza mogħtija mill-Qrati Superjuri setgħet tiġi eseġwita, *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

In linea ta' ġurisprudenza nostrali ngħad hekk fil-każ **HSBC Bank Malta plc vs Simon Attard et deċiż fit-12 ta' Settembru 2018[2] -**

*"Illi l-imsemmi Artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-esekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżeġwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja*

[1] Folio 17
[2] Rik 827/18

*limitata u determinat sa meta tista' ssir l-esekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-Artikolu 258;*

***Illi l-Qorti tirrileva illi l-indaġini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati***[3].

*Kif ingħad fil-kawża* ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et deċiza fl-1 ta' April, 2002*** *(Onor. Imħallef Raymond C. Pace):*

*"Illi minn dan jidher* ***li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti***[4]. *Fil-fatt xejn iżjed m' huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ.*

*"Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss ai termini tal-Artikolu 259(4) f'każ ta' proċeduri da parte tal-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi teħtieġ li l-istess rikors jiġi notifikat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu, u dan allura jikkonferma it-teżi li f'dan il-każ, li ma jaqgħax taħt l-Artikolu 259 (4) appena ċitat, l-unika eżami li trid tagħmel l-istess Qorti hija biss li tara l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil-ġurament li d-debitu jew parti minnu għadu dovut."*

*Illi kif jgħallem l-għaref Imħallef Philip Sciberras:*

*"Illi* ***huwa evidenti illi f'kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanonizzat bis-sentenza preċedenti***[5]. *F'dan is-sens hi d-deċiżjoni fl-ismijiet* ***John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine****, Appell, 29 ta' Mejju 1997."*

L-insenjament huwa għalhekk ċar kristall. L-uniku stħarriġ tal-Qorti jrid ikun sabiex–

(a) jiġi kkonfermat li t-titolu eżekuttiv li qed tintalab l-eżekuzzjoni tiegħu fil-fatt jeżisti; u

(b) ir-rikorrent jikkonferma bil-ġurament li l-ammont in kwistjoni għadu dovut.

---

[3] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[4] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[5] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

Ikkonsidrat

Illi rat ukoll illi in rappresentanza tas-soċjeta' xehed Carmel Farrugia l-Financial Controller tal-istess, li bil-ġurament tiegħu ikkonferma lis-somma ndikata fis-sentenza baqgħet kollha dovuta bl-imgħaxijiet skont il-liġi. Ta' dan esebixxa d-dokument CF[6].

**Konsegwentement il-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta u tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija dana ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra l-intimati**.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[6] Folio 21